

**Talbiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara ammissibbli r-rikors preżenti flimkien mal-annessi relattivi
- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell (punti 1, 2 u 3 tad-dispożittiv) fil-parti fejn din tilqa' r-rikors, tilqa' l-oppożizzjoni u tiċħad b'mod sħiħ l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, tikkundanna lill-applikant għall-ispejjeż sostnuti mill-opponent fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni u fir-rikors
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant *għat-trade mark Komunitarja*: Ir-rikorrenti.

*Trade mark Komunitarja kkonċernata*: Trade mark verbali "ZENATO RIPASSA" (applikazzjoni għall-reġistrazzjoni Nru 5 848 015), għal prodotti fil-klassi 33 (xorb alkoħoliku)

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni*: Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni*: Trade mark verbali Taljan "RIPASSO" (Nru 682 213), għal prodotti fil-klassi 33 ("inbid, spirti u likuri")

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni*: Oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell*: Oppożizzjoni milqugħa u applikazzjoni għar-reġistrazzjoni rifjutata b'mod sħiħ

*Motivi invokati*: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/09.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2011 — Zenato Azienda Vitivinicola vs UASI — Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (Ripassa Zenato)**

(Kawża T-154/11)

(2011/C 139/47)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Zenato Azienda Vitivinicola Srl (Peschiera del Garda, l-Italja) (rappreżentant: A. Rizzoli, avukat)

*Konvenut*: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell*: Camera di Commercio Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona (Verona, l-Italja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara bħala ammissibbli dan ir-rikors flimkien mal-annessi relattivi
- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell (punti 1, 2 u 3 tad-dispożittiv) fil-parti fejn din tilqa' r-rikors, tilqa' l-oppożizzjoni u tiċħad b'mod sħiħ l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, tikkundanna lill-applikant għall-ispejjeż sostnuti mill-opponent fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni u fir-rikors
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant *għat-trade mark Komunitarja*: Ir-rikorrenti

*Trade Mark Komunitarja kkonċernata*: Trade mark figurattiva li fiha l-element verbali "RIPASSA ZENATO" (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5 877 865), għal prodotti fil-klassi 33

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni*: Camera di Commercio Industria, Artigianato e Agricoltura di Verona

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni*: Trade mark verbali Taljan "RIPASSO" (Nru 682 213) għall-prodotti fil-klassi 33

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni*: Rifjut tal-oppożizzjoni

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell*: Oppożizzjoni milqugħa u applikazzjoni għar-reġistrazzjoni miċħuda b'mod sħiħ

*Motivi invokati*: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/09.

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2011 — Magnesitas de Rubián et vs Il-Parlament u l-Kunsill**

(Kawża T-158/11)

(2011/C 139/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Magnesitas de Rubián, SA (Incio, Spanja), Magnesitas Navarras, SA (Zubiri, Spanja), Ellinikoi Lefkolithoi Anonimos Metalleftiki Viomichaniki Naftiliaki kai Emporiki Etaireia (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: H. Brokelmann, P. Martínez-Lage Sobreido, avukati)

*Konvenuti*: Il-Parlament u Il-Kunsill